# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

## S.T.O. PRIM IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI
## ONOR. IMHALLEF JOSEPH R. MICALLEF
## ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 29 ta' Marzu 2019**

**Numru 18**

**Citazzjoni numru 37/04 LSO**

**Philip Gauci u b'digriet tas-16 ta' Marzu 2012 l-atti gew trasfuzi f'isem Mariella Gauci u Paul Gauci, u b'digriet tat-3 ta' April 2012 l-atti gew trasfuzi wkoll f'isem Saverina Gauci; u Carmelo Gauci**

**v.**

**Alfred Gauci**

Preliminari

Dan huwa appell ad istanza tal-konvenut mis-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili f'din il-kawza fit-30 ta' Jannar 2018, li permezz tieghu qed jitlob lil din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza u dan billi tichad it-talbiet kollha attrici u tilqa' l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut stess.

Ghal intendiment ahjar ta' dan l-appell is-sentenza moghtija mill-ewwel

Qorti fit-30 ta' Jannar 2018 qeghda tigi hawnhekk riprodotta fl-intier taghha:

"**I. PRELIMINARI.**

"Rat ic-citazzjoni attrici datat 19 ta' Jannar 2004 u pprezentata quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta, fejn esponew: -

"Illi l-atturi huma proprjetarji u jokkupaw partijiet minn bicca art ossia raba' li tinsab fl-inhawi tal-Imtarfa limiti tar-Rabat, Malta, denominata l-imsemmija raba' bhala Ta' Skonju fil-kontrada Ankelleja, liema art ossia raba' ilha hekk okkupata minnhom u allura fil-pussess taghhom ghal dawn l-ahhar snin;

"Illi l-konvenut ghall-habta tal-10 ta' Dicembru 2003 abbuzivament u arbitrarjament spolja u ddenuda lill-atturi minn kull tgawdija u/jew pussess ta' porzjon mill-imsemmi raba' fuq imsemmija okkupata mill-atturi u dana *inter alia* billi wara li nvadiha, haratha u issa anke zeraghha;

"Illi bl-agir illegali tieghu il-konvenut ikkommetta spoll fil-konfront tal-atturi u qed jimmolestahom fil-pussess u/jew detenzjoni taghhom tal-bicca raba' imsemmija u dan bi ksur lampanti *inter alia* tal-artikolu 535 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk hemm lok li dina l-Qorti tapplika s-sanzjonijiet u komminazzjonijiet prevedibbli mil-Ligi kontra l-konvenut;

"Jghid ghalhekk il-konvenut 'il ghaliex ma ghandhiex dina l-Qorti, prevja kull dikjarazzjoni mehtiega u opportuna, ghar-ragunijiet fuq imsemmija li:

"1. Tiddikjara u tiddeciedi li l-ghemil u l-agir suddett tal-konvenut qed isir bi ksur lampanti tal-Ligi, *inter alia,* bi ksur tal-artikolu 535 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

"2. Tordna illi l-atturi jigu mqieghda mill-gdid fil-pussess/detenzjoni effettiv tal-art ossia porzjon raba' fuq imsemmija ad eskluzjoni tal-konvenut u jerga' jirripristina l-imsemmija r-raba' in kwistjoni ghall-i*status quo ante* u dana fi zmien qasir u perentorju li jigi prefiss minn din il-Qorti, okkorrendo b' opera ta' periti nominandi;

"3. Tordna illi fin-nuqqas li l-konvenut jaghmel dak lilu ordnat, l-atturi jkunu awtorizzati sabiex jaghmlu dawk ix-xoghlijiet kollha necessarji huma stess a spejjez tal-istess konvenut; u allura jergghu jiehdu pussess tal-istess porzjon raba' ad eskluzjoni tal-konvenut;

“4. Tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas l-ispejjez inkorsi mill-atturi ghall-fini tat-tielet talba wara li tali spejjez jigu verifikati mill-periti li jkunu wettqu s-supervizjoni.

“Bl-ispejjez kontra l-konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

“Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh mill-Qorti kif diversament presjeduta ghas-seduta tal-5 ta’ April 2004.

“Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet ta’ Alfred Gauci datata 30 ta’ Settembru 2004 (fol 27) fejn espona :-

“1. Illi jigi eccepit in linea preliminari illi c-citazzjoni hija affetta min-nullita` a bazi tal-artikolu 789(1) (b) u (c) tal-Kapitolu 12 *stante* li fiha nuqqas ta' kjarezza dwar l-oggett mertu tal-istess bi ksur tal-artikolu 156(1)(a) tal-Kapitolu 12, liema nuqqas ta' kjarezza qieghed icahhad lill-eccipjent mid-difiza tieghu;

“2. Illi fil-fatt mhuwiex possibbli ghall-eccipjent mid-deskrizzjoni moghtija tal-art li jidentifika fir-rigward ta' liema art qieghda ssir din il-kawza;

“3. Illi jigi eccepit ukoll in linea preliminari illi peress illi l-azzjoni ta' spoll hija wahda *ad hoc* u hija eccezzjonali fin-natura u fl-iskop taghha, u peress illi hija mmexxija minn regoli ta' procedura diversi minn dawk applikabbli ghal azzjonijiet ohra, l-azzjoni ta' spoll ma tistax tigi ezercitata konfuzament u flimkien b'domanda wahda ma' azzjonijiet ohra;

“4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt *stante* li l-elementi sabiex tirnexxi l-*actio spolii* ma jissussistux fil-kaz odjern kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

“5. Illi inoltre, u minghajr pregudizzju ghas-suepost, l-eccipjent ma kkommetta l-ebda spoll kontra l-atturi.

“Il-konvenut qieghed jirriserva d-dritt illi jipprovdi eccezzjonijiet ulterjuri meta l-oggett mertu tal-kawza odjerna jigi identiflkat b'mod car.

“Salv eccezzjonijiet ohra.

“Rat ir-rikors ta’ Mariella Gauci u Paul Gauci datata 9 ta’ Marzu 2012 (fol 70) fejn talbu lill-Qorti joghgobha tordna t-trasfuzjoni tal-gudizzju f’ isimhom; u l-Qorti kif diversament presjeduta bid-digriet taghha tas-16 ta’ Marzu 2012 (fol 76) laqghet it-talba.

“Rat ir-rikors ta’ Saverina Gauci datata 2 ta’ April 2012 (fol 77) fejn tablet lill-Qorti joghgobha tordna illi oltre t-trasfuzjoni f’ isem it-tfal fuq imsemmija gia maghmula, il-gudizzju jigi trasfuz ukoll f’ isem l-

esponenti; u l-Qorti kif diversament presjeduta bid-digriet taghha tat-3 ta' April 2012 laqghet it-talba.

"Rat is-surroga datata 13 ta' Frar 2014 (fol 88) fejn din il-kawza giet assenjata biex tkompli tinstema' quddiem din il-Qorti kif hekk illum presjeduta.

"Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-atturi li giet pprezentata *seduta stante* fis-seduta tad-9 ta' Mejju 2017 (fol 275).

"Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' Alfred Gauci li giet ipprezentata *seduta stante* fis-seduta tal-4 ta' Lulju 2017 (fol 281).

"Rat il-verbali tas-seduti kollha nkluz dak tal-31 ta' Ottubru 2017 (fol 293) fejn meta ssejhet il-kawza deher ir-rikorrent assistit minn Dr Patrick Valentino, u Dr Timothy Bartolo ghall-intimat. Il-Qorti semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet liema trattazzjoni giet registrata fuq is-sistema eletronika. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-30 ta' Jannar 2018 fid-9:30am.

"Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

"**II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET:</u>**

"Illi qabel xejn jigi precizat li din il-Qorti kif attwalment presjeduta giet surrogata fil-kawza odjerna fil-5 ta' Frar 2014 (fol 88).

"Illi din hija kawza ta' spoll fejn ir-rikorrenti qed jallegaw li b'konsegwenza ghall-agir tal-intimat, gew spoljati fil-pussess u l-uzu tar-raba' Ta' Skonju fil-kontrada Ankelleja. L-intimat laqa' billi preliminarjament sostna li c-citazzjoni odjerna hija effetwatata minn nullita` abbazi tal-artikoli 789(1)(b) u (c) u 156(1)(a) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta minhabba nuqqas ta' kjarezza fl-oggett tal-kawza. Fil-mertu, gie eccepit, li l-art li fuqha qed issir din il-kawza mhijiex identifikata, u li l-elementi tal-*actio spolii* ma jissusistux, inoltre`, ma gie kommess l-ebda spoll da parti tal-intimat.

"**<u>Fatti:</u>**

"Permezz tal-ahhar zewg testmenti ta' Maria Gauci, datati 11 ta' Gunju 1993, u 6 ta' April 1995 fl-atti tan-Nutar Anthony Abela, esebiti a fol 12 *et sequens*, Carmelo Gauci u Philip Gauci thallew l-art in kwistjoni. Illi jirrizulta li meta l-art in kwistjoni li kienet tinhadem minnhom kienet ippreparata ghaz-zriegh tal-patata, huma kienu accedew fuq l-imsemmija art mal-Avukat Toni Abela, f'Novembru 2003, meta ntebhu li l-art kienet mizrugha bil-ful. Ghalhekk, ipprocedew bil-kaz odjern.

"**<u>Provi:</u>**

"**Carmelo Gauci** xehed permezz ta' affidavit (fol 218-219) u qal li hu u Philip Gauci ilhom jahdmu l-art in kwistjoni ghall-ahhar ghoxrin sena. Semma li wara l-mewt ta' zijuh Anglu, iz-zija Marija hallitilhom l-art b'testment datat 11 ta' Gunju 1993, u ghalhekk wara l-mewt taghha komplew jahdmu l-art, filwaqt li l-intimat qatt ma hadem din l-art. Qal li l-parti li qed jitkellem dwarha hi dik bl-ahdar, vjola u arangjo fi pjanta Dok A. Spjega li f'Novembru 2003, hallew l-art lesta ghaz-zriegh tal-patata, u f'Dicembru 2003 kien gie l-avukat Toni Abela biex jara l-art minhabba kwistjoni fuq l-eredita`, meta ntebhu li l-art kienet mizrugha bil-ful, u kemm hu u kemm Philip kienu raw lill-intimat gol-art in kwistjoni. Gol-parti bl-ahdar kien hemm il-ful mizrugh u meta regghu marru raw, li kien mizrugh b'mutur tal-hart.

"**Carmelo Gauci** xehed ulterjorment (fol 182-185)[1] u b'referenza ghall-pjanta Dok A qal li l-intimat dahal fil-proprjeta` taghhom, immarkata bil-borduri ahdar, vjola u isfar. Qal li jaf li l-intimat kien qed jiddepozita qbiela l-Qorti, izda hu qatt ma accetta dan il-hlas minghand l-intimat.

"**Carmelo Gauci** in **kontro-ezami** (fol 135) [2] ikkonferma li marru jirregistraw l-ghelieqi fl-Ghammieri fl-2007, u originarjament l-art in kwistjoni kienet ta' Pawlu, Anglu u Maria Gauci.

"**Philip Gauci** xehed permezz ta' affidavit (fol 223-224) u qal li l-art in kwistjoni ilhom jahdmuha hu u Carmelo Gauci. Hu spjega li z-zija hallitilhom l-art mertu tal-kawza b'testment datat 11 ta' Gunju 1993, u l-intimat ghandu art imqabbla f'dawk l-inhawi. Spjega li fl-ahhar ta' Novembru hu u Carmel hallew l-art lesta ghaz-zriegh tal-patata izda meta f'Dicembru 2003, marru fuq is-sit mal-avukat Abela raw l-art mizrugha bil-ful, u sussegwentement wara xi xhur l-istess intimat qala' l-ful u zera l-qargha ahmar fl-istess ghalqa. Qal li sussegwentment, hu u Carmelo ma dahlux aktar fl-ghalqa u pprocedew bil-kaz odjern u iehor Kriminali.

"**Alfred Gauci** l-intimat, xehed (fol 192)[3] u qal li r-raba' ta' taht ir-razzett li kienet ta' Maria Gauci llum hi tieghu, u qal li parti minn din l-art hi maghrufa bhala Ta' Skonju. Qal li fir-raba' ta' taht ir-razzett fejn hemm Pawlu Galea, parti minnha qeghda bi qbiela u parti le. Spjega li Pawlu Galea tah parti mill-art biex juzaha, u kkonferma li din l-art kienet ta' Maria Gauci. Qal li r-raba' hi mqabbla ghandu, u hu qed jokkupa xi tmint itmiem bl-ghalqa ta' Pawlu Galea b'kollox.

"**Charles Gauci** xehed (fol 136-138)[4] u qal li hu jahdem l-ghelieqi fl-akkwati msemmija, u specifikatament ghall-art immarkata A, B u C, missieru kien jahdimhom ghomru kollu.

---

[1] Seduti tal-25 ta' Frar 2005 u 14 ta' April 2005

[2] Seduta tad-9 ta' Frar 2011.

[3] Seduti tal-10 ta' Mejju 2005 u tas-26 ta' Ottubru 2005.

[4] Seduta tat-30 ta' Marzu 2011.

"**Pawlu Gauci** xehed (fol 140-142)[5] u qal li hu rregistrat bhala bidwi u jahdem ir-raba' f'dawn l-inhawi. Qal li fl-2003 kien jahdem ma' Xmun tal-baqar. Qal li f'dawn it-tliet bicciet art hemm is-sigar tac-citru. Qal li qatt ma ra lir-rikorrenti jahdmu r-raba' A, B, u C f'Dok PA1, izda qal li ra lir-rikorrenti jippruvaw jidhlu minhabba l-kwistjoni mertu ta' dan il-kaz.

"**Paul Azzopardi** rapprezentant tal-Dipartiment tal-Agrikoltura xehed (fol 127-128)[6] u esebixxa Dok PA1, PA2, u PA3, u fir-rigward ta' PA1 qal li kienet registrata fuq Pawlu Gauci, u l-*plots* gew trasferiti fuq huh Anglu fl-1983. Spjega li sussegwentement, gew trasferiti fuq l-ahwa Philip u Carmelo Gauci fid-9 ta' Ottubru 2007, kif registrat fil-kotba tar-raba` wara li gew ipprezentati d-dokumenti min-Nutar f'Lulju 2007. Dawn id-dokumenti pprezentati min-Nutar ikunu awtentici, ghaliex sabiex isir trasferiment tar-raba' huwa sufficjenti li jigi pprezentat dokument awtentiku minn nutar pubbliku. Spjega li l-imsemmi trasferiment li sar fil-kaz in ezami hu rregistrat fuq ir-registru msemmi *Land Transfers.*

"In **kontro-ezami** qal (fol 131-133)[7] li Dok PA9 u PA10 huma kotba tar-raba', li primarjament kien fuq Pawlu Gauci hu Anglu Gauci, u t-trasferiment fuq Anglu kien sar fit-13 ta' Frar 1983. Spjega li r-registru tal-kotba tar-raba' ikun korrett, u l-intimat qatt ma gie registrat fuq l-ghelieqi in kwistjoni.

"**Wenzu Gauci** xehed (fol 130-131)[8] u qal li hu l-kugin tal-partijiet f'dan il-kaz. Semma li hu kien ra lir-rikorrenti jahdmu l-art immarkata A, B, u C f'Dok PA11, ma' Anglu Gauci. Zied ighid li mar jipprova jaghmilha ta' medjatur wara l-mewt ta' Anglu Gauci izda mbaghad ma marx aktar.

"**Alfred Tonna** xehed (fol 194-196)[9] u qal li hu ghandu ghalqa aktar 'l isfel minn tar-rikorrenti, u recentment ra lill-intimat u lil certu Charlie jahdmu l-ghelieqi li soltu jkunu fihom ir-rikorrenti.

"In **kontro-ezami** qal, li lill-avukat tar-rikorrenti, qallu li gieli ra lill-intimat jahdem ir-raba' fejn soltu kien tar-rikorrenti, izda ma setax jindika dan fuq il-pjanta murija.

"**L-Ispettur Nezren Grixti** xehed (fol 198-199)[10] u qal, li jaf li saret kwerela mill-Av. Dottor Toni Abela ghan-nom tar-rikorrenti kontra Alfred Gauci billi ghamel vjolazzjoni fil-proprjeta` taghhom. Qal li ma sarx rapport dwar l-incident f'Novembru jew Dicembru 2003 peress li kien hemm kwerela.

---

[5] Seduta tal-20 ta' Mejju 2011.
[6] Seduta tat-8 ta' Ottubru 2010
[7] Seduta tad-9 ta' Frar 2011.
[8] Seduta tat-22 ta' Novembru 2010.
[9] Seduta tad-29 ta' Novembru 2006, u tal-15 ta' Dicembru 2006.
[10] Seduta tas-7 ta' Frar 2007.

"**Saverin Gauci** xehdet (fol 228)[11] qalet li hi mart Philip Gauci u zewgha kien jahdem art fl-Imtarfa flimkien ma' huh Carmelo Gauci liema art kienu wirtu minghand iz-zija taghhom Maria Gauci. Wara li l-intimat waqqaf lil zewgha milli jkompli jaccedi fir-raba' zewgha u huh ghamlu rapport l-Ghassa u kellmu lill-Avukat taghhom.

"**Maria Victoria Gauci** xehdet (fol 229)[12] qalet li mart Carmelo Gauci. Semmiet li zewgha u huh ilhom jahdmu r-raba' in kwistjoni sakemm l-intimat haratha u ma halliex aktar lil zewgha u lil huh jidhlu.

"**<u>Rapport tal-Perit Mario Cassar</u>**

"B'digriet ta' din il-Qorti diversament preseduta, tas-16 ta' Gunju 2009, gie sostitwit il-Perit Renato Laferla bil-Perit Mario Cassar bhala Perit Arkitett (fol 46) u r-rapport tieghu jinsab esebit a fol 104 *et sequens* tal-process.

"Hu kkonkluda hekk:

> "*Illi l-konvenut kien konxju illi l-ghelieqi ma kinux proprjeta` tieghu u dan gie zvelat mix-xhieda ta' Wenzu Gauci (seduta tas-17 ta' Jannar 2011) illi Fredu (il-konvenut) kien mar ikellmu ghall-medjazzjoni ghax ried bicca mill-art in kwistjoni. Fredu (il-konvenut) talab lill-atturi bicca mill-ghalqa ta' taht ix-xifer.*

"Fid-dawl ta' dan, il-Perit Cassar ikkonkluda li t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jintlaqghu.

"Referibbilment ghal dak eccepit mill-intimat, il-perit nominat mill-Qorti, *in vista* tax-xhieda tar-Rapprezentant tal-Ghammieri Paul Azzopardi, u l-pjanta Dok PA1, ikkonkluda li l-<u>art mertu ta' din il-kawza, giet identifikata.</u> Madanakollu d-dokumenti li ghalihom irrefera fir-rapport peritali a fol 15 tal-istess (fol 122 *et seq.* tal-process) ma gewx annessi mar-rapport tieghu. Dwar dan kif ivverbalizzat fit-12 ta' Jannar 2016 l-istess Perit gie ordnat li jirritorna kwalsiasi dokument li kien ghadu fil-pussess tieghu.

"Illi l-perit b'nota tal-14 ta' Jannar 2016 informa lill-Qorti li ma kellux aktar dokumeti ghajr dawk mehmuza mar-rapport, cioe` verbali tas-seduti u dawk mehmuza mar-relazzjoni tieghu fil-kawza kriminali. Dawn gew esebiti man-nota imsemmija (fol 155-209 tal-process).

"Minn dan jirrizulta pjanta fuq dok A a fol 156 tal-process (muri bil-kulur a fol 273). Kif gie kkostatat mill-Perit Cassar, fis-seduta tat-18 ta' Frar 2011 **Carmelo Gauci** xehed li "*Illi l-partijet mertu tal-kawza huma dawk immarkati bin-numri 1,2, u 3 ).*

[11] Seduta tat-3 ta' Dicembru 2004.
[12] Seduta tat-3 ta' Dicembru 2004.

"Fuq domandi in eskussjoni, il-Perit Cassar wiegeb li fis-seduta tal-25 ta' Frar 2005, u fis-seduta tad-29 ta' Novembru 2006, gie kkonfermat mix-xhieda li l-intimat kien harat u hadem ir-raba' (immarkati specifikatament bil-kulur vjola u isfar fejn inzera l-ful, u l-ghalqa bil-kulur ahdar inhartet), liema raba' qabel kienet tinhadem mir-rikorrenti. Il-Perit Cassar irrileva wkoll li meta Paul Azzopardi esebixxa l-pjanta Dok PA1, hu kkonferma li l-art immarkata bl-ahmar kienet proprjeta` tar-rikorrenti. Hu sostna s-suespost wara li qies kull prova u ma pprefera l-ebda prova fuq ohra.

"Ghal domandi in eskussjoni ulterjuri, il-Perit Cassar fis-seduta tal-31 ta' Jannar 2017, wiegeb li l-konkluzjonijiet tieghu mhumiex ibbazati principalment fuq il-kuntratt datat 8 ta' Frar 1980 izda wkoll fuq il-provi u r-rizultanzi tal-kaz. Spjega li hu mar xi darbtejn jew tliet darbiet fuq is-sit.

"Illi in segwitu, ma saritx talba ghal periti perizjuri, fit-terminu taz-zmien, hekk kif stabbilit mil-ligi.

"**L-ewwel tlett eccezzjonijiet - Nullita' tal-Azzjoni - Incertezza dwar l-oggett tal-kawza - nebulozita' fit-talbiet**

"Ikkonsidrat li huwa l-artikolu **789(1) tal-Kap Tnax tal-Ligijiet ta' Malta** li jirregola l-eccezzjoni li tirrigwarda n-nullita' ta' atti gudizzjarji.

"Dan l-artiklu jiddisponi hekk:

> "*(1) L-eccezzjoni ta' nullità ta' l-atti gudizzjarji tista' tinghata:*
> ....
> "*(b) jekk l-att jinhareg minn Qorti mhux kompetenti;*
>
> "*(c) jekk fl-att ikun hemm vjolazzjoni tal-forma mehtiega mil-ligi, ukoll jekk mhux taht piena ta' nullità, kemm-il darba dik il-vjolazzjoni tkun giebet, lill-parti li titlob in-nullità, pregudizzju illi ma jistax jissewwa xort' ohra hlief billi l-att jigi annullat; ...*

"*Izda dik l-eccezzjoni ta' nullità kif mahsuba fil-paragrafi (a), (c), u (d) ta' dan is-subartikolu ma tkunx tista' tinghata jekk dak in-nuqqas jew vjolazzjoni jkunu jistghu jissewwew taht kull dispozizzjoni ohra tal-ligi."*

"Hu pacifiku li bil-*proviso* imsemmi, l-legislatur qed jaghmel riferenza ghall-artikolu 175 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta

"Riferibbilment ghar-rekwiziti tar-rikors promotur, l-**Art 156(1)(a) Kap. Tnax tal-Ligijiet ta' Malta** jiddisponi illi rikors guramentat ghandu jkun fih dikjarazzjoni li tfisser b'mod car u sewwa l-oggett tal-kawża.

"Hu pacifiku li din id-dispozizzjoni (anke kif kienet qabel l-emendi tal-1995 u tal-2005) inghatat fil-gurisprudenza interpretazzjoni wiesgha fis-sens li ma gietx adottata l-istrettezza li donnhom ifissru l-kliem tal-ligi.

(***"Stephen Grech v On. Prim Ministru et." -*** P.A.(JZM) dec. fit-30 ta' Settembru 2013).

"Hekk fis-sentenza "**Moore noe vs Falzon et**" (Prim' Awla tal-Qorti Civili – PA AM – 15 ta' Dicembru 1995) kien deciz li: -

> ""*Il-ligi ma tirrikjedix kliem partikolari ghal kif ghandha ssir ic-citazzjoni, bizzejjed jiftiehem xi jkun qieghed jitlob l-attur, b'mod li l-kawzali tista' tkun espressa lakonikament, u sahansitra tista' tkun anke ridotta mid-domanda*." (Ara-Kollez. XXXIV.I.501, XXIX.I.143 u XXXII.I.228).

"Hekk ukoll inghad fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell fil-kawza

> "**"Bonnici vs Zammit noe"** deciza fl-20 ta' Jannar 1986 fejn it-tifsira tal-Art.156(1) kienet spjegata hekk –*"Illi l-Artikolu 156(1) jipprovdi li l-oggett u r-raguni tat-talba gudizzjarja ghandhom ikunu mfissra car u sewwa fic-citazzjoni. Dan ma jfissirx pero' li kwalunkwe nuqqas da parte ta' l-attur ghandu mill-ewwel jigi mehud fis-sens li qed imur kontra d-dispost ta' l-Art.155(1) [illum 156(1) tal-Kap.12] u ghalhekk igib mieghu n-nullita` tac-citazzjoni. Infatti biex citazzjoni tigi mwaqqfa jrid ikun hemm raguni gravi, u fost kollox, ghandu jigi ezaminat jekk ic-citazzjoni tkunx defungenti jew zbaljata b'mod li l-konvenut ikun jista' jigi pregudikat fid-difiza tieghu. Dan apparti li c-citazzjoni ghandha tigi ezaminata fit-totalita' taghha u mhux spezzettata."*

"Similment fil-kaz **"Capua Palace Ltd. vs Arcidiacono Boris"** deciza fil-31 ta' Jannar 2003, gie ritenut li:

> "*Fejn hemm kontradizzjoni ghall-ahhar bejn il-permessi u t-talbiet jew bejn it-talbiet innifishom, il-Qrati ghandhom iqisu b'cirkospezzjoni eccezzjoni ta' nullita` ta' att gudizzjarju. Biex att ta' citazzjoni jghaddi mill-prova tal-validita` huwa bizzejjed li t-talba tkun imfassla b'mod tali li l-persuna mharrka tifhem l-intenzjoni ta' min harrikha u li tali tifsila ma tkunx ta' hsara ghall-imharrek li jiddefendi lilu nnifsu mit-talba tal-attur";*
>
> "*Hu necessarju li jkun jirrizulta rapport ta' konnessjoni ragjonevolment identifikabbli bejn il-premessi migjubin bhala l-kawza tat-talba u t-talba stess kif diretta kontra l-konvenut".*

"Illi qabel xejn l-intimat ma spjegawx kif din l-azzjoni giet istitwita quddiem Qorti li mhix kompetenti li tiehu konjizzjoni taghha. Ghalhekk l-eccezzjoni abbazi tal-artikolu 789(1)(b) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta hija guridikament infondata.

"Applikati l-principji succitati minn qari tac-citazzjoni, ma jirrizultax li hemm nuqqas ta' kjarezza ladarba gie korrett l-artikolu tal-ligi diga sucitat, ghaliex la gie ccarat, li l-azzjoni odjerna hija msejsa fuq l-artikolu 535 tal-Kap 16, huwa evidenti li din hija azzjoni ta' spoll. Kwindi ir-rikors guramentat odjern mhuwiex effettwat minn nullita kif qed jigi eccepit tramite l-ewwel eccezzjoni.

"Konnessa ma' din l-ewwel eccezzjoni, hija t-tielet eccezzjoni, fejn gie eccepit li l-azzjoni ta' spoll ma tistax tigi ezercitata konfuzament u flimkien b'domanda wahda ma' azzjonijiet ohra. Illi minn semplici qari tal-premessi u t-talbiet, bl-artikolu tal-Ligi kif korrett, ma jirrizultax li qed jintalab xejn ghajr dak imsejjes fuq azzjoni ta' spoll *ai termini* tal-artikolu 535 tal-Kodici Civili. Inoltre`, it-talbiet kif dedotti, huma konsimili ma' talbiet f'azzjoni ta' spoll. *Di piu`*, l-intimat ma amplifika xejn aktar dwar dawn l-eccezzjonijiet preliminari fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu, izda ttratta l-kaz bhala wiehed ta' spoll.

"Illi ghal dak li jirrigwarda d-deskrizzjoni tal-ghalqa in kwistjoni din giet pprovduta waqt il-produzzjoni tax-xhieda hekk kif seta' jikkonkludi l-Perit Tekniku minn ezami tal-assjem kollu tax-xhieda u pjanti esebiti.

"Ghalhekk, *in vista* tas-suespost, din il-Qorti ser tichad l-ewwel tlett eccezzjonijiet sollevati mill-intimat.

"**<u>Konsiderazzjonijiet ta' Dritt koness mal-mertu tal-kaz:</u>**

"Illi l-azzjoni odjerna hija wahda ta' spoll *ai termini* tal-**artikolu 535 tal-kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.**

"Illi skont l-istess artikolu, u a bazi ta' gurisprudenza kostanti huwa rispaut li l-element vitali ta' din l-azzjoni li l-attur jehtieglu jipprova huma s-segwenti.

"*(i) Possedisse*
"*(ii) Spoliatum fuisse*
"*(iii) Infra bimestre deduxisse*

"Illi dawn il-principji gew ribaditi f' diversi sentenzi fosthom **"Margherita Fenech vs Pawlu Zammit"** (12-4-1958, Vol.XLII D.11.973); **"Caterina armla Galea vs Joseph Vella"** (23-6-1965 per Onor. Eduardo Magri) u f' **"Joseph Vella pro et noe vs Salvu Micallef"** (30-4-1991 JSP).

"Illi fuq l-iskorta tal-gurisprudenza kostanti jirrizulta li *"materja ta' din l-azzjoni, ma taghtix lok ghall-ebda indagini ohra barra dik li tistabilixxi: (a) il-fatt tal-pussess/detenzjoni u (b) il-fatt tal-ispoll……… stante li din l-indagini hija wahda limitatissima rigoruza u skarna."* (**"Carlo sive Cahrles Cardona et vs Francesco Tabone" -** A.C. 9 ta' Marzu 1992). F'dan l-istess kaz, intqal ukoll li biex tirnexxi l-azzjoni ta' spoll mhux mehtieg xi *animus spoliandi*.

"Illi ghalhekk fil-fatt inghad illi "*din l-azzjoni ta' spoll hija koncepita bhala azzjoni rapida u effikaci ghall-iskop li ma thalli lil hadd jiddisturba stat ta' fatt, arbitrarjament u hija ntiza unikament biex igieghel lill-konvenut li jerga' jqieghed il-haga fl-istat li kienet qabel ma ddisturbaha, u daqshekk biss, kif ighid bl-iktar mod car l-artikolu 791(1) Kap 12, li sfortunatament jigi hafna drabi injorat."*

"Illi f'dan il-kuntest il-pussess mehtieg huwa dak materjali u "de facto" tant li gie ritenut ukoll li:

> "*Hu maghruf illi l-pussess mehtieg hu dak materjali u 'de facto'; ikun x'ikun, u mhux mehtieg il-prova li l-attur ghandu dritt ta' proprjeta` jew ta' servitu` fuq il-haga li minnha huwa gie spoljat bi vjolenza jew klandestinament. Anzi, hemm ir-rekwizit tal-pussess anki meta dak li hu spoljat ghandu semplici detenzjoni.*" (**"Kaptan Stefano Xuereb vs Nobbli Charles Sant Fournier" –** (A.C. 12 ta' Dicembru 1952) ghalkemm tali pussess m'ghandux ikun inekwivoku, anzi ghandu jirrizulta li huwa manifest u dan fih innifsu huwa stat ta' fatt **"Gio Maria Tonna vs Giuseppi Maria Tonna"** – (P.A. 21 ta' Frar 1983) u **"Marthese Borg vs George Borg"** – (25 ta' Frar 1983), u mhux wiehed ta' mera tolleranza **"Joseph Vella Gatt nomine vs Joseph Camilleri" –** A.C. 26 ta' Jannar 1996). Jinsab ukoll ritenut ghar-rigward tal-element tal-pussess li "*All attore in reintegrazione e sufficiente per la sua azione un possesso qualunque o detenzione.*" (**Camilleri vs Agius** P.A. 20 ta' Ottubru 1882)

"Illi fil-fatt, kull pussess huwa ammess, *benche`* ippruvat huwa protett tant li f'din l-azzjoni l-ligi ma tirrikjedix il-prova tal-legittimita` tal-pussess tal-persuna turbata, u takkorda r-reintegrazzjoni anki kontra l-possessuri ta' *mala fede* u kontra l-istess proprjetarju tal-haga li taghha jkun hemm pretensjoni li gie kommess l-ispoll. (**"Saverio Farrugia vs Eugenio Borg"** P.A. 31 ta' Marzu 1952).

"Illi gie ritenut fil-kaz **"Delia vs Schembri"** P.A. – 4 ta' Frar 1958:

> "*L-azzjoni ta' spoll isservi biex tipprotegi l-pussess ikun x'ikun….. u gie deciz kemm-il darba li tapplika ukoll ghat-tutela tal-kwazi pussess tad-drittijiet reali u hija inerenti ghall-fatt ta' min b'awtorita` privata ikun ghamel ghad-dannu ta' terza persuna atti li ghalkemm jista' jkollu dritt ghalih ma jistax jezercitah minghajr l-intervent tal-Qorti.*" (Ara wkoll **"Francis Grogan et vs Shawn Scerri et"**, P.A. deciza fit-2 ta' Dicembru 2004).

"F'dan l-istess kaz, **Grogan et vs Scerri et,** inghad ukoll, li biex tirnexxi l-azzjoni ta' spoll lanqas ma hu mehtieg li l-pussessur ikun privat mid-dgawdija tal-haga jew ostakolat b'mod determinant fl-uzu tal-haga; hu bizzejjed li jkun imfixkel fil-mod ta' kif igawdi dik il-haga. Jissemma ad ezempju, l-istallazzjoni ta' *air condition unit* li jisporgi fuq sqaq komuni fil-kaz **"Ripard et vs Fenech noe"** deciza mill-Qorti tal-Appell fid-19 ta' Mejju 2000 gie meqjus bhala att spoljattiv li kien jimmerita r-rimedju permezz ta' din l-azzjoni. (*Vide* wkoll dak enuncjat fil-kaz **"Mag. Peter Cordina vs Raymond Aquilina,** Appell Kummercjali deciz 12 ta' Dicembru 1988)

"Illi jrid jigi ppruvat ukoll l-ispoll innifsu li jikkonsisti fis-segwenti kif deskritt fis-sentenza **"Joseph Scerri vs Spiridione Falzon"** P.A. 24 ta' Jannar 1958):-

> "*Spoll vjolenti huwa kwalsiasi att arbitrarju li jsir bil-forza privata kontra l-volonta` tal-ispoljat; u l-att jkun arbitrarju mhux biss meta jikkostitwixxi reat kontra l-ligi, izda anki meta jigi kompjut arbitrarjament u kontra l-volonta` tal-possessur, b'mod li jista' jaghti lok ghall-azzjoni ta' danni kontra min ikun ghamel dak l-att*."

"Sabiex jirrikorri l-element tal-fatt materjali tal-ispoll mhux mehtieg li sabiex dan ikun vjolenti, ikun hemm *vis atrox* jew *vie di fatto* imma bizzejjed li jkun hemm nuqqas ta' kunsens espress jew tacitu ta' min isofri l-ispoll. Ghalhekk, l-att spoljattiv irid ikun sar kontra l-kunsens tal-possessur. (Ara **"John Mifsud vs John Giordmaina et"**, P.A. deciza fit-23 ta' April 2012).

"Fir-rigward tal-element ta' *'spoliatum fuisse',* gie ritenut ukoll li l-element spoljattiv mhux bilfors jissarraf f'ghemil ta' tkissir jew qerda ta' oggett mizmum mill-attur, izda huwa bizzejjed li l-ghemil spoljattiv isir kontra r-rieda tieghu jew minghajr ma jithalla jintebah bih. (**Francis Tonna et vs Constantino Borg** P.A. - deciza fl-1 ta' April 2003).

"Hawnhekk, huwa relevanti l-kliem ta' Pacifici Mazzoni, spoll vjolent huwa "*qualunque atto arbitrio che per forza privata si compia contro la volontarieta` dello spogliato."* (Vol.III Sez. 52). "**Emanuel Falzon et vs Michael Vella et",** P.A.. deciz fl-10 ta' Ottubru 2011.

"**Applikazzjoni ta' dawn il-Principji ghall-kaz in ezami.**

"Applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami, jinghad fl-ewwel lok, li l-intimat qed jikkontesta din l-azzjoni, *tramite* l-eccezzjonijiet u anke fin-nota ta' sottomissjonijiet u fit-trattazzjoni, fejn qed isostni li l-element tal-pussess huwa karenti. Ghalhekk, din il-Qorti, trid tezamina bir-reqqa l-atti kollha tal-kaz u l-provi prodotti, sabiex tasal ghall-konkluzjoni taghha, mhux fil-petitorju, izda irid jigi stabbilit min kellu l-pussess materjali fil-mument li twettaq l-allegat spoll u fiz-zmien precedenti ghal dan.

"Jibda biex jinghad li r-rikorrenti ressqu l-provi taghhom, permezz tax-xhud Paul Azzopardi, rapprezentant tad-Dipartiment tal-Agrikoltura, li xehed b'mod dettaljat u esebixxa dokumenti dwar l-art in kwistjoni, kif indikata fil-pjanta Dok PA1. Referibbilment ghall-art mertu tal-kaz, qal li kienet registrata fuq Pawlu Gauci, u l-*plots* gew trasferiti fuq huh Anglu fl-1983. Spjega li sussegwentement, gew trasferiti fuq l-ahwa Philip u Carmelo Gauci fid-9 ta' Ottubru 2007, kif registrat fil-kotba tar-raba` wara li gew ipprezentati d-dokumenti min-Nutar f'Lulju 2007.

"Illi l-fatt li r-raba' in kwistjoni kienet registrata fuq ir-rikorrenti ghal diversi snin, hija prova indizzjarja qawwija tal-pussess tar-raba'. Illi tali prova hija kkorroborata mix-xhieda imressqa mill-atturi fosthom ix-xhieda ta' Wenzu Gauci, li kkonferma li r-rikorrenti kienu jahdmu r-raba' in kwistjoni. Dan jimplika li l-pussess materjali kien ghal medda tas-snin f'idejn ir-rikorrenti. Illi Saverin Gauci u Maria Victoria Gauci

ikkonfermaw fix-xhieda taghhom, li l-intimat dahal u hadem l-ghalqa. L-istess Carmelo Gauci kkonferma bil-gurament, li meta fl-2003, marru fuq is-sit mal-avukat Abela, raw il-ful mizrugh, meta dan ma kinux zrawh huma. Ghalhekk, sostna li l-intimat dahal fir-raba' li kienet tintuza minnhom biex zera' l-ful, u sussegwentement qala' l-ful u zera' anke l-qargha ahmar.

"Min-naha l-ohra l-intimat qed jikkontendi, li r-rikorrenti ma rnexxielhomx jipprovaw l-element tal-pussess. Illi fix-xhieda tieghu, l-intimat sostna li hu kellu l-pussess tal-imsemmi raba'. Izda, ghajr din l-allegazzjoni u affermazzjoni da parti tieghu, ma saritx prova ulterjuri rigwardanti l-pussess. Kwindi, certament l-allegazzjoni da parti tal-intimat mhijiex prova sodisfacenti, fid-dawl tal-provi l-ohra migjuba mir-rikorrenti. Ghalhekk, il-kwistjoni tal-pussess hija ppruvata.

"Illi l-Qorti, fid-dawl tal-iskorta ta' gurisprudenza ghandha tinklina lejn l-adozzjoni tal-konkluzjonijiet teknici tal-espert taghha diment li ma jirrizultawx ragunijiet serji biex ir-rapport jigi injorat.

"Il-Qorti nnotat li l-intimat ghalkemm talab in-nomina ta' periti perizjuri ma segwiex din it-talba u baqghu ma gewx nominati. Hu baqa' isostni, fin-nota ta' sottomissjonijiet, li din il-Qorti ghandha tiskarta r-rapport tal-Perit Tekniku, specifikatament ghal dak li jirrigwarda l-identifikar tal-art mertu tal-kaz u anke referibbilment ghall-element tal-pussess. Jigi osservat, li l-element tal-pussess irid jigi mistharreg mill-aspett legali, kif diga gie evalwat aktar 'il fuq. Ghalhekk, din il-Qorti ma strahitx semplicement fuq ir-rapport peritali, sabiex waslet ghall-konkluzjoni taghha rigward dan l-element.

"Inoltre`, din il-Qorti mhijiex ser takkolji dawn ir-sottomissjonijiet tal-intimat, specjalment tenut kont li l-perit tekniku wasal ghall-konkluzjonijiet wara li acceda fuq il-post, sema' lix-xhieda prodotti f'din il-kawza u kkonsidra l-punti ssollevati in eskussjoni. Ir-rapport tieghu hu bbazat fuq il-fehmiet tieghu dwar il-kaz fl-aspetti kollha teknici.

"Kwindi, referibbilment ghal dak eccepit mill-intimat fit-tieni eccezzjoni, li mhuwiex possibli l-identifikar tal-art, tichad din l-eccezzjoni *stante* li jirrizulta kemm mill-atti tal-kaz (il-pjanti a fol 156 u 158, specifikatament il-pjanta a fol 156 hija delineata u riprodotta a fol 273), kif ukoll mill-kostatazzjonijiet tal-Perit Tekniku, li l-art mertu tal-kaz hija identifikata.

"F'dan il-kuntest, ta' min isemmi dak citat fis-sentenza **Richard Falzon vs Construct Furniture Limited** (Prim' Awla Onor. Mhallef Raymond C. Pace deciza fis-7 ta' Dicembru 2006) u s-sentenzi hemm citati, l-kostatazzjonijiet tal-perit tekniku nominat mill-Qorti, kif ukoll il-konsiderazzjonijiet u opinjonijiet esperti tieghu jikkostitwixxu skont il-ligi prova ta' fatt li ghandhom bhala tali jigu meqjusa mill-Qorti.

"Illi l-Qorti m'hijiex obbligata li taccetta r-rapport tekniku bhala prova determinanti u ghandha dritt li tiskartah, kif tista' tiskarta kull prova ohra.

Mill-banda l-ohra pero`, huwa ritenut minn dawn il-Qrati li ghandu jinghata piz debitu lill-fehma teknika tal-espert nominat mill-Qorti billi l-Qorti ma ghandhiex leggerment tinjora dik il-prova. (**John Saliba -vs- Joseph Farrugia**, Appell deciz fit-28 ta' Jannar 2000; **Joseph Calleja nomine -vs- John Mifsud**, Appell, deciz fid-19 ta' Novembru 2001). Kif intqal mill-On. Qorti ta' l-Appell : *"Dan ma jfisserx pero` illi l-Qorti tista' taghmlu b' mod legger jew kapriccjuz. Il-konvinzjoni kuntrarja taghha kellha tkun ben informata u bazata fuq ragunijiet li gravament ipoggu fid-dubju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b' ragunijiet li ma ghandhomx ikunu privi mill-konsiderazzjoni ta' l-aspett tekniku tal-materja taht ezami"* ("**Philip Grima vs Carmelo Mamo et nomine**", Appell, 29 ta' Mejju 1998).

"Fic-cirkostanzi kollha tal-kaz u fid-dawl tal-provi u testimonjanzi prodotti din il-Qorti ma ssib ebda raguni valida ghaliex ghandha tiskarta r-rapport peritali, anke wara li hadet in konsiderazzjoni l-argumenti ssollevati mill-abbli difensur tal-attur.

"Rigward l-element ta' '*spoliatum fuisse'*, anke fin-nuqqas tal-ammissjoni tal-intimat li hu zera l-ful, huwa bizzejjed li dan l-agir tal-intimat sar minghajr il-kunsens tar-rikorrenti. Difatti, r-rikorrenti xehdu fl-affidavit taghhom, li r-raba' in kwistjoni kienet lesta ghaz-zriegh tal-patata, imma meta marru fuq is-sit flimkien mal-avukat Abela f'Dicembru 2003, sabu l-ghalqa inhartet u nzera l-ful minflok, minghajr pre avviz.

"Referibbilment ghat-terminu ta' xahrejn, li l-kawza trid tkun saret fi zmien xahrejn mid-data tal-ispoll, jidher li dan huwa wkoll sodisfatt. Ir-rikorrenti sostnew fl-affidavit taghhom li f'Dicembru 2003, meta accedew fuq is-sit in kwistjoni mal-avukat Toni Abela, sabu l-ghalqa mizrugha bil-ful, meta precedentement ftit jiem qabel, huma ma kinux hallewha hekk. Fir-rikors promotur, gie indikat li l-att spoljattiv sehh ghall-habta tal-10 ta' Dicembru 2003. Il-Qorti m'ghandhiex ghalfejn tiddubita mill-kredibilita' taghhom billi ssibha ferm ragjonevoli li l-atturi kienu jikkuraw l-ghalqa kostantement.
Ikkonsidrat li r-rikors promotur gie pprezentat fid-19 ta' Jannar 2004 u biex jissussisti dan l-element, it-terminu jibda jiddekorri minn meta gie spoljat l-attur.

"Dan jirraprezenta t-tielet element rikjest ghal din l-azzjoni. Il-gurisprudenza tal-Qrati taghna hija konkordi fuq dan il-punt, li t-terminu ma jibdiex jiddekorri mid-*die scientiae* imma mid-data meta l-attur ikun gie fizikament spoljat mill-pussess tieghu. (Ara **"Av. Dr. Frank Xavier Vassallo et vs Joseph Baldacchino et"** Appell Civili deciz fl-4 ta' Dicembru 1998). Ukoll, fil-kaz **"Michael Mamo vs Philip Grima"** P.A. deciza fis-7 ta' Frar 1958, **XLII-II-915** intqal:

> "*Iz-zmien tal-azzjoni jibda mill-gurnata tal-ispoll, u mhux mindu l-attur gie jaf bih….. iz-zmien ta' xahrejn huwa terminu ta' dekadenza."* (Ara **Sammut vs Pellegrini Petit XXIV-I-276**).

"Ghaldaqstant, jirrizulta, li r-rikorrenti agixxew mill-ewwel bl-intavolar tal-kaz in ezami.

"*In vista* ta-suespost, tichad ir-raba' u l-hames eccezzjoni tal-intimat.

"Ghaldaqstant, il-Qorti hija sodisfatta li jikkonkorru t-tlett elementi kostituttivi ta' din l-azzjoni li timmerita li tigi akkolta. Ghalhekk, tichad ir-raba' u l-hames eccezzjoni u ser tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti.

"**III. <u>KONKLUZJONI</u>**

"Illi ghalhekk, ghal dawn il-motivi, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi, billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-intimat, tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti u cioe`:-

"1. **Tilqa'** l-ewwel talba tar-rikorrenti u tiddikjara li l-ghemil tal-intimat jikkostitwixxi spoll *ai termini* tal-artikolu 535 tal-Kap 16.

"2. **Tilqa'** t-tieni talba tar-rikorrenti u tordna lill-intimat sabiex fi zmien perentorju ta' xahar mil-lum jerga' jirripristina l-pussess tar-rikorrenti tal-art ossia porzjon raba' msemmija kif jirrizulta mill-pjanta immarkata dok A a fol 156 muri ukoll bil-kulur a fol 273 tal-process, senjatament fil-partijiet immarkati bil-burduri kkuluriti ahdar, vjola u isfar tal-process, liema pjanti huma parti integrali mid-dispozittiv ta' din is-sentenza.

"3. Tilqa' t-tielet talba tar-rikorrenti u tordna li f'kaz li l-intimat ma jaghmilx dan fiz-zmien moghti lilu mill-Qorti, tawtorizza lir-rikorrenti biex jaghmlu x-xoghlijiet kollha necessarji huma stess a spejjez ta' l-intimat taht is-sorveljanza tal-**Perit Godwin Abela** li qed jigi nominat u nkarigat minn din il-Qorti a spejjez tal-intimat. Il-Perit ghandu wkoll jlesti kont tal-ispejjez dovuti ghax-xoghlijiet necessarji ghar-ripristinar u jippresenta tali kont debitament minnu mahluf fl-atti ta' din il-kawza fi zmien xahar mit-tlestija tax-xoghlijiet.

"4. Tilqa' ir-raba' talba u tikkundanna lill-intimat minn issa stess biex ihallas lir-rikorrenti l-ispejjez li jigu likwidati mill-Perit Godwin Abela skont il-kont mahluf tieghu ghax-xoghlijiet ordnati skont it-tielet talba f'kaz li dawn ma jsirux mill-istess intimat. Dawn l-ispejjez ghandhom jitqiesu certi, likwidati u dovuti lir-rikorrenti mat-tlestija tax-xoghlijiet.

"**L-ispejjez jithallsu mill-intimat**".

## <u>Rikors tal-appell tal-konvenut;</u>

Il-konvenut hassu ruhu aggravat bis-sentenza tal-ewwel Qorti u ghalhekk interpona dan l-appell minnha. L-aggravji in succint huma kritika tar-

rapport tekniku; jghid li l-art ma gietx identifikata u li l-appellati ma kellhomx il-pussess rikjest mill-ligi biex jistitwixxu.

**<u>Risposta tal-appell tal-attur:</u>**

L-atturi wiegbu biex jghidu li s-sentenza ppronunzjata mill-ewwel Qorti hija gusta u timmerita li tigi kkonfermata.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti:</u>**

**<u>Dwar l-ewwel aggravju:</u>**

Kif gia` ssemma l-appellanti qed jilmenta mir-rapport tal-perit tekniku Mario Cassar u jghid li kien hemm elementi bizzejjed biex l-ewwel Qorti ma tistriehx fuqu u tasal ghal konkluzjoni opposta.

Il-Qorti huwa minnu li strahet fuq il-konkluzjonjiet tal-perit tekniku u, huwa fatt li il-Qrati taghna ghal diversi drabi qalu li huwa biss f'sitwazzjonijiet rari fejn dan ma jsirx u dan meta jikkonkorru certi cirkostanzi; per ezempju fil-kawza fl-ismijiet **Giswarda Bugeja v. Emanuele Muscat et** (23 ta' Gunju 1967) fejn din il-Qorti qalet illi "*ghalkemm il-Qorti mhux marbuta li taccetta l-konkluzjonijiet peritali kontra l-konvinzjonijet taghha innifisha, u l-konkluzjonijiet peritali bhal materjali istruttorji ohrajn kontrollabbli mill-gudikant, madankollu 'il giudizio del' arte' espress mit- tekniku ma jistghux*

*u ma ghandux, ... ...., jigi skartat facilment, ammenokke' ma jkunx jidher sodisfacentement illi l-konkluzjonijiet peritali huma fil-kumpless kollhu tac-cirkostanzi irragonevoli*". Bl-istess mod il-Qorti (Prim'Awla) ippronunzjat ruhha fil-kawza fl-ismijiet **Josephine Micallef v. Louis Zammit**, deciza fil-11 ta' Ottubru 2010 u kkonfermata minn din il-Qorti fil-31 ta' Ottubru 2014, u aktar ricentement il-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet **Kummissarju tal-Artijiet v. Mugliette et** deciza fit-28 ta' Marzu 2014 u **Giulia Curmi et v. Guzeppi Schembri** deciza fl-24 ta' April 2015.

Kif ukoll qalet din il-Qorti fis-sentenza taghha moghtija fid-9 ta' Frar 2001, fl-ismijiet **Benjamin Camilleri nomine v. Charles Debattista nomine** "*Din il-Qorti ta' revizjoni kienet ukoll fl-istess posizzjoni bhall-ewwel Qorti, u setghet, u kellha biss tikkonduci l-ezercizzju biex tiddetermina jekk fl-aggravju tal-konvenut nomine kienux jirrizultaw xi elementi li gravement jiskossaw ir-relazzjoni peritali u il-prova li tali relazzjoni kienet tikkostitwixxi fil-process tal-prim'istanza*".

L-appellant jorbot dan l-aggravju tieghu mal-lanjanza ohra tieghu li, skont hu, ma gietx identifikata mill-appellat l-art in kwistjoni u allura, skont hu, it-talbiet attrici kellhom jigu michuda. Din il-Qorti pero` wara li ezaminat l-atti, jidhrilha li ghandha tasal ghall-istess konkluzjoni li waslet ghaliha l-ewwel Qorti. Il-pjanti li ghalihom hemm riferenza fis-sentenza appellata huma bizzejjed biex l-art giet identifikata u fuq dan il-perit tekniku kien car

hafna (addirittura issottolinea huwa stess il-konkluzjoni tieghu fir-rigward); gie infatti ritenut minn din il-Qorti fil-kawza **John Saliba v. Joseph Farrugia** deciza fit-28 ta' Jannar 2000 illi:-

> "*Kemm il-kostatazzjonijiet tal-perit tekniku nominat mill-Qorti kif ukoll il-konsiderazzjonijiet u opinjonijiet esperti tieghu jikkostitwixxu skont il-ligi prova ta' fatt li kellhom bhala tali jigu meqjusa mill-Qorti. Il-Qorti ma kenitx obbligata li taccetta rrapport tekniku bhala prova determinanti u kellha dritt li tiskartah kif setghet tiskarta kull prova ohra. Mill-banda l-ohra pero`, huwa ritenut minn dawn il-Qrati li kellu jinghata piz debitu lill-fehma teknika ta' l-espert nominat mill-Qorti billi l-Qorti ma kellhiex leggerment tinjora dik il-prova. Hu manifest mill-atti u hu wkoll sottolinejat fir-rikors ta' l-appell illi l-mertu tal-prezenti istanza kien kollu kemm hu wiehed ta' natura teknika li ma setghax jigi epurat u deciz mill-Qorti minghajr l-assistenza ta' espert in materja. B'danakollu dan ma jfissirx illi l-Qorti ma kellhiex thares b'lenti kritika lejn l-opinjoni teknika lilha sottomessa u ma kellhiex tezita li tiskarta dik l-opinjoni jekk din ma tkunx wahda sodisfacentement u adegwatament tinvesti l-mertu, jew jekk ilkonkluzjoni ma kenitx sewwa tirrizolvi l-kwezit ta' natura teknika*". (Artikolu 681 tal-Kap. 12).

Anke rigward it-**tieni aggravju** u cioe` dak tal-pussess o meno tal-appellat, l-appellant jattakka hafna l-konkluzjonijiet tal-perit tekniku anzi jaghmel dan it-tielet aggravju tieghu. Ghalhekk dak kollu li gia` ssemma japplika ghat-**tielet aggravju** msemmi wkoll .

Din il-Qorti tirribaxxi wkoll li normalment ghal dak li huwa apprezzament tal-fatti, kif qalet fil kawza fl-ismijiet **Vella v. Tabone** deciza minn din il-Qorti fit-22 ta' Ottubru 2002, il-Qorti tal-Appell tiddisturba l-apprezzamenti fattwali ta' l-ewwel Qorti biss "*ghal ragunijiet serjissimi u dan biex tikkoregi zball manifest li jekk ma jigix tempestivament korrett ikun sejjer jikkawza ingustizzja cara*". Din l-istess Qorti fil-kawza fl-ismijiet **Phyllis Ebejer v.**

**Joseph Aquilina** (10 ta' Jannar 1995) qalet li "*il-Qorti tal-Appell tiddisturba biss id-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti f'kazijiet eccezzjonali meta si tratta ta' valutazzjoni ta' fatti*". Imbaghad fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Cini v. George Wells** (15 ta' Novembru 2004) l-istess Qorti qalet li "*Huwa principju bazilari segwit minn din il-Qorti ta' revizjoni li fejn si tratta ta' apprezzament u evalwazzjoni ta' provi ta' fatt din il-Qorti qatt ma tiddisturba leggerment apprezzament tal-provi li jkun sar mill-ewwel Qorti sakemm ma jkunx hemm ragunijiet gravi u serji bizzejjed li jissugerixxu mod iehor*".

Madankollu "*Din il-Qorti pero` f'kull kaz tapprezza ukoll li id dover taghha xorta huwa li tesamina sewwa l-provi imressqa u barra minn hekk, huwa ukoll importanti li l-istess provi u l-konkluzjonijiet ta' kif graw il-fatti in kwistjoni jigu evalwati sewwa u interpretati skont il-ligijiet taghna u l-gurisprudenza l-aktar ricenti u kostanti fil-materja.* (**Attard et v. Direttur tas-Sahha**, Qorti tal-Appell, 30 ta' Mejju 2014).

Wara d-dovut ezami tal-provi, din il-Qorti jidrilha li ghandha tasal ghall-istess konkluzjoni tal-ewwel Qorti u taqbel li l-att spoljattiv sehh fil-konfront tal-pussess tal-appellat, u sar fid-data msemmija fis-sentenza; ma taqbilx mal-aggravju tal-appellant li l-attur appellat ma pprovax dan kif jallega l-appellant u dan principalment ghaliex il-perizja hija prova altru

milli sufficjenti ghall-iskop tal-Artikolu 562 tal-Kap. 12. Kwindi t-tieni u tielet aggravji huma michuda wkoll.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi l-kawza billi tichad l-appell tal-konvenuti u tikkonferma fl-intier taghha s-sentenza appellata b'dan illi t-terminu impost mill-ewwel Qorti biex isiru x-xoghlijiet jibda jghaddi mil-lum; l-ispejjez kollha anke ta' dan l-appell ikunu a kariku tal-konvenuti appellanti.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>Prim Imhallef | Joseph R. Micallef<br>Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef |

Deputat Registratur
mb